

# Il-Ġurnal Uffiċjali L 384

## tal-Unjoni Ewropea



Volum 63

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

17 ta' Novembru 2020

Werrej

### II Atti mhux leġiżlattivi

#### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1710 tal-10 ta' Novembru 2020 għar-reġistrazzjoni ta' isem fir-reġistru tad-denominazzjoni protetta tal-orġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti "Mollete de Antequera" (IĠP)** ..... 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1711 tal-10 ta' Novembru 2020 li jdaħħal isem fir-reġistru ta' denominazzjonijiet ta' orġini protetti u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti "Szomolyai rövidszárú fekete cseresznye" (DOP)** ..... 2
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1712 tas-16 ta' Novembru 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 37/2010 biex jikklassifika s-sustanza lidokaina fir-rigward tal-limitu massimu ta' residwi tagħha <sup>(1)</sup>** ..... 3
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1713 tas-16 ta' Novembru 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1382 li jemenda ċerti Regolamenti li jimponu miżuri anti-dumping jew antisussidji fuq ċerti prodotti tal-azzar soġġetti għal miżuri ta' salvagwardja** ..... 6

#### DEĊIŻIONIJET

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1714 tas-16 ta' Novembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1119 fir-rigward tal-metodoloġija tal-ittestjar għal ċerti vetturi elettriċi ibridi tal-passiġġieri bl-iċċarġjar fuq il-vettura u li tqis l-użu ta' fjuwils alternattivi u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1339 fir-rigward tal-fanali tal-pożizzjoni ta' wara <sup>(1)</sup>** ..... 9
- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1715 tas-16 ta' Novembru 2020 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1606 dwar ċertu miżuri protettivi interim marbuta mal-influenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 fin-Netherlands (notifikata bid-dokument C(2020) 8021) <sup>(1)</sup>** ..... 14

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT



## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1710

tal-10 ta' Novembru 2020

**għar-reġistrazzjoni ta' isem fir-reġistru tad-denominazzjoni protetta tal-orijini u tal-indikazzjonijiet  
ġeografiki protetti "Mollete de Antequera" (IĠP)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni ta' Spanja biex l-isem "Mollete de Antequera" jiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup>.
- (2) Ladarba ma ġiet notifikata l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, jenħtieġ li l-isem "Mollete de Antequera" jiġi rreġistrat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-isem "Mollete de Antequera" (IĠP) huwa rreġistrat.

L-isem imsemmi fl-ewwel paragrafu jidentifika prodott tal-klassi 2.3. "Ħobż, għaġina, kejkijiet, ħelu, gallettini u prodotti oħra tal-furnara" tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 <sup>(3)</sup>.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2020.

*Għall-Kummissjoni*  
*F'isem il-President,*  
Janusz WOJCIECHOWSKI  
*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU C 224, 8.7.2020, p. 16.

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jstabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1711

tal-10 ta' Novembru 2020

li jdaħħal isem fir-reġistru ta' denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti

“Szomolyai rövidszárú fekete cseresznye” (DOP)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni tal-Ungerija għar-reġistrazzjoni tal-isem “Szomolyai rövidszárú fekete cseresznye” ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup>.
- (2) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u għalhekk jenħtieġ li l-isem “Szomolyai rövidszárú fekete cseresznye” jiġi rreġistrat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-isem “Szomolyai rövidszárú fekete cseresznye” (DOP) huwa rreġistrat.

L-isem imsemmi fl-ewwel subparagrafu jidentifika prodott tal-klassi 1.6: Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 <sup>(3)</sup>.*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2020.

*Għall-Kummissjoni**Fisem il-President*

Janusz WOJCIECHOWSKI

*Membru tal-Kummissjoni*<sup>(1)</sup> ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU C 235, 17.7.2020, p. 7.<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jstabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1712****tas-16 ta' Novembru 2020****li jemenda r-Regolament (UE) Nru 37/2010 biex jikklassifika s-sustanza lidokaina fir-rigward tal-limitu massimu ta' residwi tagħha****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jstabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 flimkien mal-Artikolu 17 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, li tfasslet fis-16 ta' Lulju 2020 mill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju,

Billi:

- (1) L-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 jirrikjedi li l-limitu massimu ta' residwi ("MRL") għas-sustanzi farmakoloġikament attivi maħsuba għall-użu fl-Unjoni fi prodotti mediċinali veterinarji għall-annimali li jipproduċu l-ikel jew fi prodotti bijoċidali użati fit-trobbija tal-annimali jiġi stabbilit f'Regolament.
- (2) It-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 <sup>(2)</sup> tistabbilixxi s-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-MRLs fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali.
- (3) Il-lidokaina diġà hija inkluża f'dik it-tabella bħala sustanza permessa għall-ekwidi, għall-użu anestetiku lokali u regionali biss. L-entrata eżistenti għandha l-klassifikazzjoni ta' "MRL mhux neċessarju".
- (4) Tressqet applikazzjoni lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ("l-Aġenzija") għall-estensjoni tal-entrata eżistenti għall-lidokaina għall-ispeċijiet porċini, għall-użu fuq il-ġilda u l-epilezzjoni biss fi ħnienes ta' età sa 7 ijiem.
- (5) Tressqet ukoll applikazzjoni lill-Aġenzija għall-estensjoni tal-annotazzjoni eżistenti għall-lidokaina għall-ispeċi bovini, applikabbli għall-muskoli, ix-xaħam, il-fwied, il-kliewi u l-ħalib.
- (6) L-Aġenzija, abbażi tal-opinjoni tal-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju, irrakkomandat l-istabbiliment ta' MRL għall-lidokaina fl-ispeċijiet bovini, iżda kkonkludiet li l-istabbiliment ta' MRL għall-lidokaina fl-ispeċijiet porċini, ta' ċerta età u għal ċertu użu, mhuwix meħtieġ għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.
- (7) Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 470/2009, l-Aġenzija għandha tqis li tuża l-MRLs stabbiliti għal sustanza farmakoloġikament attiva li tinsab f'oġġett tal-ikel partikolari għal oġġett tal-ikel ieħor li jkun ġej mill-istess speċi, jew tuża l-MRLs stabbiliti għal sustanza farmakoloġikament attiva fi speċi waħda jew iktar għal speċijiet oħrajn.
- (8) L-Aġenzija qieset li bħalissa mhuwix xieraq li l-klassifikazzjoni tal-lidokaina fil-porċini u l-bovini bħala sustanza fejn "MRL mhux meħtieġ" tiġi estrapolata għal speċijiet oħrajn li jipproduċu l-ikel, minħabba *data* nieqsa.
- (9) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 37/2010 jiġi emendat skont dan.
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Mediċinali Veterinarji,

<sup>(1)</sup> ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwi fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali (ĠU L 15, 20.1.2010, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 qed jiġi emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Novembru 2020.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

ANNEX

Fit-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010, l-entrata għas-sustanza "lidokaina" tiġi sostitwita b'dan li ġej:

Sustanza farmakoloġikament attiva	Residwu markatur	Speċi tal-animali	MRLs	Tessuti kkonċernati	Dispożizzjonijiet Oħrajn (skont l-Artikolu 14(7) tar-Regolament (KE) Nru 470/2009)	Klassifikazzjoni Terapewtika
"Lidokaina"	MHUX APPLIKABBILI	Ekwidi	MRL mhux neċessarju	MHUX APPLIKABBILI	Għall-użu anestetiku lokali/reġjonali biss.	"Anestetiki lokali"
		Porċini			Għall-użu fi ħnienes ta' età sa 7 ijiem biss. Għall-użu fuq il-ġilda u għall-użu epileżjonali biss.	
	Lidokaina	Bovini	150 µg/kg 200 µg/kg 1 µg/kg 200 µg/kg 30 µg/kg	Muskoli Xaħam Fwied Kliewi Ħalib	MHUX APPLIKABBILI	

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1713****tas-16 ta' Novembru 2020****li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1382 li jemenda ċerti Regolamenti li jimponu miżuri anti-dumping jew antisussidji fuq ċerti prodotti tal-azzar soġġetti għal miżuri ta' salvagwardja**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/477 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar il-miżuri li l-Unjoni tista' tieħu relattivament għall-effett ikkombinat ta' miżuri kontra d-dumping jew kontra s-sussidji ma' miżuri ta' salvagwardja <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 <sup>(2)</sup>, il-Kummissjoni imponiet miżuri ta' salvagwardja fir-rigward ta' ċerti prodotti tal-azzar għal perjodu ta' tliet snin. Dawn il-miżuri jieħdu l-forma ta' kwoti tariffarji applikabbli għal perjodi speċifiċi, li permezz tagħhom ikun dovut dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota ta' 25 % meta l-importazzjonijiet jaqzbu livell limitu speċifikat li jkun jikkorrispondi mal-livell medju ta' importazzjonijiet fis-snin 2015 sa 2017.
- (2) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1382 <sup>(3)</sup>, il-Kummissjoni stabbiliet mekkaniżmu li jipprevjeni l-applikazzjoni simultanja ta' dan id-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota ma' miżuri anti-dumping u/jew kompensatorji applikabbli wkoll għal xi wħud mill-prodotti tal-azzar.
- (3) Għal dan il-għan, l-anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1382 elenka l-miżuri anti-dumping u antisussidji kollha fuq prodotti li kienu wkoll soġġetti għall-miżuri ta' salvagwardja f'dak iż-żmien, u speċifika d-dazju antidumping u/jew antisussidji li jenħtieġ li japplika ladarba t-tariffa 'l fuq mill-kwota ssir applikabbli.
- (4) Fis-6 ta' Ottubru 2020, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1408 <sup>(4)</sup>, il-Kummissjoni imponiet miżuri anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pjanċi u kojls tal-azzar inossidabbli laminati bis-sħana li joriġinaw mill-Indoneżja, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan.
- (5) Kif iddikjarat fil-premessa (310) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1408, il-mekkaniżmu li jipprevjeni l-applikazzjoni simultanja tal-miżuri japplika għal dawn il-prodotti peress li huma wkoll soġġetti għal miżuri ta' salvagwardja (prodott numru 8). Jenħtieġ għalhekk li l-anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1382 jiġi emendat sabiex jinkludi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1408.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Istrumenti għad-Difiża tal-Kummerċ,

<sup>(1)</sup> ĠU L 83, 27.3.2015, p. 11.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 tal-31 ta' Jannar 2019 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 31, 1.2.2019, p. 27).<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1382 tat-2 ta' Settembru 2019 li jemenda ċerti Regolamenti li jimponu miżuri anti-dumping jew antisussidji fuq ċerti prodotti tal-azzar soġġetti għal miżuri ta' salvagwardja (ĠU L 227, 3.9.2019, p. 1).<sup>(4)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1408 tas-6 ta' Ottubru 2020 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pjanċi u kojls tal-azzar inossidabbli laminati bis-sħana li joriġinaw mill-Indoneżja, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan (ĠU L 325, 7.10.2020, p. 26).



ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1382 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Anness 1.B "Lista tar-regolamenti li jimponu miżuri anti-dumping u antisussidji fuq il-prodotti soġġetti għall-miżura ta' salvagwardja", jiżdied il-paragrafu li ġej:

"19. IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1408 tas-6 ta' Ottubru 2020 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pjanċi u kojls tal-azzar inossidabbli llaminati bis-sħana li joriġinaw mill-Indoneżja, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan, ĠU L 325, 7.10.2020, p. 26."

(2) Fl-Anness 2 "Rati ta' dazji anti-dumping u/jew kompensatorji applikabbli sakemm ikun applikabbli dazju ta' salvagwardja fuq l-istess prodott", jiżdied l-ANNESS 2.18 li ġej:

"ANNESS 2.18

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1408 tas-6 ta' Ottubru 2020 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pjanċi u kojls tal-azzar inossidabbli llaminati bis-sħana li joriġinaw mill-Indoneżja, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan, ĠU L 325, 7.10.2020, p. 26.

Pajjiż	Kumpanija	Kodiċi addizzjonali TARIC	Dazju anti-dumping definittiv oriġinali	Id-dazju anti-dumping ladarba ssir applikabbli l-miżura ta' salvagwardja
L-Indoneżja	PT Indonesia Guang Ching Nickel and Stainless Steel Industry	C541	17,3	0,0 %
L-Indoneżja	PT Indonesia Tsingshan Stainless Steel	C547	17,3	0,0 %
L-Indoneżja	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	C999	17,3	0,0 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Shanxi Taigang Stainless Steel Co., Ltd.	C163	19,0	0,0 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Taiyuan Taigang Daming Metal Products	C542	19,0	0,0 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Tisco Guangdong Stainless Steel Service Center Co., Ltd	C543	19,0	0,0 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Tianjin TISCO & TPCO Stainless Steel Co. Ltd.	C025	19,0	0,0 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Fujian Fuxin Special Steel Co., Ltd.	C544	14,6	0,0 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Zhenshi Group Eastern Special Steel Co., Ltd.	C558	9,2	0,0 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Xiangshui Defeng Metals Co., Ltd.	C545	17,5	0,0 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Fujian Dingxin Technology Co., Ltd.	C546	17,5	0,0 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	C999	19,0	0,0 %
It-Tajwan	Yieh United Steel Co.	C032	4,1	0,0 %
It-Tajwan	Tang Eng Iron Works Co., Ltd.	C031	4,1	0,0 %
It-Tajwan	Wsin Lihwa Co.	C548	7,5	0,0 %
It-Tajwan	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	C999	7,5	0,0 %"

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Novembru 2020.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1714

tas-16 ta' Novembru 2020

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1119 fir-rigward tal-metodoloġija tal-ittestjar għal ċerti vetturi elettriċi ibridi tal-passiġġieri bl-iċċarġjar fuq il-vettura u li tqis l-użu ta' fjuwils alternattivi u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1339 fir-rigward tal-fanali tal-pożizzjoni ta' wara**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jstabilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Fis-7 ta' Frar 2020, il-manifatturi Audi AG, Bayerische Motoren Werke AG, Daimler AG, FCA Italy S.p.A, Ford-Werke GmbH, Honda Motor Europe Ltd, Hyundai Motor Europe Technical Center GmbH, Jaguar Land Rover Ltd, OPEL Automobile GmbH-PSA, Automobiles Citroën, Automobiles Peugeot, PSA Automobiles SA, Renault, Škoda Auto a. s, Toyota Motor Europe u Volkswagen Nutzfahrzeuge ressuq talba b'mod konġunt ("l-ewwel rikjesta"), kif previst fl-Artikolu 12a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 725/2011 <sup>(2)</sup>, biex id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1119 <sup>(3)</sup> tiġi emendata sabiex il-metodoloġija tal-ittestjar għal ċerti vetturi elettriċi ibridi bl-iċċarġjar fuq il-vettura (NOVC-HEVs) tal-kategorija M<sub>1</sub> tiġi mmodifikata.
- (2) Fil-21 ta' April 2020, il-manifatturi FCA Italy S.p.A, Jaguar Land Rover Ltd., OPEL Automobile GmbH-PSA, Automobiles Citroën, Automobiles Peugeot, PSA Automobiles SA, Renault, Škoda Auto a.s u Ford-Werke GmbH ressuq talba b'mod konġunt ("it-tieni talba"), kif previst fl-Artikolu 12a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 725/2011, biex id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1119 tiġi emendata, sabiex jittieħed kont tal-użu tal-gass likwifikat miż-żejt (LPG), tal-gass naturali kkompressat (CNG) u tal-etanol (E85).
- (3) Il-Kummissjoni vvalutat iż-żewġ rikjesti f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/631, mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 725/2011 u mal-"Linji Gwida Tekniċi għat-tnejn tal-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 u r-Regolament (UE) Nru 510/2011" (ir-Reviżjoni ta' Lulju 2018 (V2)) <sup>(4)</sup>.
- (4) Fl-ewwel talba, dawk li għamli t-talba jitolbu li tiġi modifikata l-metodoloġija tal-ittestjar stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1119 biex il-kundizzjonijiet tal-ittestjar għall-karozzi tal-passiġġieri li jaħdmu b'magna b'kombustjoni interna jkunu jistgħu japplikaw għall-NOVC-HEVs li għalihom jistgħu jintużaw il-valuri mkejla tal-konsum tal-fjuwil u tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mhux ikkoreġuti f'konformità mal-paragrafu 1.1.4 tal-Appendiċi 2 tas-Sub Anness 8 tal-Anness XXI tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 <sup>(5)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 725/2011 tal-25 ta' Lulju 2011 li jstabilixxi proċedura għall-approvazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> minn karozzi tal-passiġġieri, skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 194, 26.7.2011, p. 19).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1119 tat-28 ta' Ġunju 2019 dwar l-approvazzjoni ta' illuminazzjoni esterna effiċjenti tal-vetturi permezz ta' dijodi li jemmettu d-dawl għall-użu f'vetturi b'magna ta' kombustjoni interna u f'vetturi elettriċi ibridi li ma jistgħux jiġu ċċarġjati esternament bħala teknoloġija innovattiva għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mill-karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 176, 1.7.2019, p. 67).

<sup>(4)</sup> <https://circabc.europa.eu/sd/a/a19b42c8-8e87-4b24-a78b-9b70760f82a9/July%202018%20Technical%20Guidelines.pdf>

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 1).

- (5) B'appoġġ għat-talba tagħhom, dawk li għamlu t-talba pprovdew evidenza li turi li minħabba l-grad baxx ta' elettrifikazzjoni tal-kategorija speċifika ta' NOVC-HEVs ikkonċernati, fattur ta' korrezzjoni ta' CO<sub>2</sub> statistikament sinifikanti, kif imsemmi fil-punt 4.1.2 tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1119, ma jistax jiġi ddeterminat.
- (6) Filwaqt li jitqiesu l-argumenti ppreżentati, minħabba l-grad baxx ta' elettrifikazzjoni, l-NOVC-HEVs li għalihom jistgħu jintużaw il-valuri mkejla tal-konsum tal-fjuwil u tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mhux ikkoreġuti f'konformità mal-paragrafu 1.1.4 tal-Appendiċi 2 tas-Sub Anness 8 tal-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151, għall-finijiet tal-kalkolu tal-iffrankar ta' CO<sub>2</sub> tat-teknoloġija innovattiva inkwistjoni, jenħtieġ li jitqiesu bħala ekwivalenti għall-vetturi li jaħdmu b'magna b'kombustjoni interna. B'konsegwenza, il-kundizzjonijiet tal-ittestjar għall-karozzi tal-passiġġieri li jaħdmu b'magna tal-kombustjoni interna u li huma stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1119, jenħtieġ li japplikaw għal din il-kategorija speċifika ta' NOVC-HEVs. Fir-rigward ta' NOVC-HEVs oħra, il-metodoloġija tal-ittestjar jenħtieġ li tibqa' l-istess.
- (7) Fir-rigward tat-tieni talba, huwa ġġustifikat li tiġi ċċarata l-metodoloġija tal-ittestjar billi jiżdiedu l-fatturi tal-konverżjoni tal-fjuwil u tal-konsum tal-enerġija għall-fjuwils LPG u CNG. Minħabba d-disponibbiltà limitata ta' E85 fis-suq kollu tal-Unjoni, madankollu jitqies li mhuwiex iġġustifikat li għall-fini tal-metodoloġija tal-ittestjar issir distinzjoni bejn dak il-fjuwil u l-petrol.
- (8) Filwaqt li titqies informazzjoni ġdida dwar il-fatturi tal-użu għad-dwal għall-kantunieri u għad-dwal għal-liwi statiċi, huwa xieraq li l-fatturi tal-użu eżistenti previsti għal dawk id-dwal fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1119 jiġu sostitwiti b'fatturi aktar konservattivi kif stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1339 <sup>(6)</sup>.
- (9) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, il-manifatturi jenħtieġ li jkunu jistgħu jippreżentaw applikazzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni tal-iffrankar ta' CO<sub>2</sub> lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip f'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1119 fil-verżjoni tagħha tal-28 ta' Ġunju 2019, matul ċertu perjodu. L-emendi stabbiliti f'din id-Deċiżjoni ma jaffettwawx il-validità taċ-ċertifikazzjonijiet mogħtija skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1119 f'dik il-verżjoni.
- (10) Fl-applikazzjoni li ġiet approvata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1339, ġiet ipprovduta evidenza li turi li l-użu ta' dwal LED effiċjenti fil-fanali tal-pożizzjoni ta' wara ma jaqbiżx il-limitu ta' penetrazzjoni fis-suq imsemmi fl-Artikolu 2(2)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 427/2014 <sup>(7)</sup> u għalhekk dawk il-fanali kellhom jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1339. Huwa għalhekk xieraq li dik id-Deċiżjoni tiġi emendata biex tinkludi l-fanali tal-pożizzjoni ta' wara.
- (11) Peress li l-iffrankar ta' CO<sub>2</sub> iċċertifikat skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1119 jista' jitqies għall-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' manifattur mis-sena kalendarja 2021, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ minnufih.
- (12) Għalhekk, id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1119 u (UE) 2020/1339 jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

### Emendi għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1119

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1119 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4, jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

“2a. Meta t-teknoloġija innovattiva tiġi installata f'vettura bifjuwil jew flex fjuwil, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tirreġistra l-iffrankar ta' CO<sub>2</sub> kif ġej:

(a) għal vettura bifjuwil li tuża l-petrol u l-fjuwils gassużi, l-iffrankar ta' CO<sub>2</sub> fir-rigward tal-fjuwils LPG jew CNG;

<sup>(6)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1339 tat-23 ta' Settembru 2020 dwar l-approvazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' tidwil estern effiċjenti tal-vetturi bl-użu ta' dijodi li jemettu d-dawl bħala teknoloġija innovattiva għat-tnaqqs tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> minn ċerti vetturi kummerċjali ħfief b'rabta mal-Proċedura ta' Ttestjar Armonizzata fuq Livell Dinji għall-Vetturi Ħfief (ĠU L 313, 28.9.2020, p. 4).

<sup>(7)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 427/2014 tal-25 ta' April 2014 li jistabbilixxi proċedura għall-approvazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi għat-tnaqqs tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> minn vetturi kummerċjali ħfief skont ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 125, 26.4.2014, p. 57).

(b) għal vettura flex fjuwil li tuża l-petrol u l-E85, l-iffrankar ta' CO<sub>2</sub> fir-rigward tal-petrol.”;

(2) L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 5

#### Perjodu tranżitorju u kodiċijiet tal-ekoinnovazzjoni

(1) Sal-24 ta' Marzu 2021, manifattur jista' japplika għaċ-ċertifikazzjoni tal-iffrankar ta' CO<sub>2</sub> mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip skont din id-Deċiżjoni fil-verżjoni tagħha tat-28 ta' Ġunju 2019. Meta dak ikun il-każ, il-kodiċi tal-ekoinnovazzjoni Nru 28 għandu jiddaħħal fid-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip.

(2) Meta l-manifattur japplika għaċ-ċertifikazzjoni tal-iffrankar ta' CO<sub>2</sub> mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip skont din id-Deċiżjoni mingħajr ma jagħmel referenza għall-verżjoni tagħha tat-28 ta' Ġunju 2019, il-kodiċi tal-ekoinnovazzjoni Nru 37 għandu jiddaħħal fid-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip.

(3) L-iffrankar ta' CO<sub>2</sub> irreġistrat skont ir-referenza għall-kodiċi tal-ekoinnovazzjoni Nru 28 jew Nru 37 jista' jitqies għall-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' manifattur mis-sena kalendarja 2021.”;

(3) L-Anness huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 2 huwa emendat kif ġej:

(i) l-entrata CF hija sostitwita b'dan li ġej:

“CF — Fattur ta' konverżjoni kif iddefinit fit-Tabella 5”,

(ii) l-entrata V<sub>pe</sub> hija sostitwita b'dan li ġej:

“V<sub>pe</sub> — Konsum tal-enerġija effettiva kif iddefinit fit-Tabella 4”,

(b) il-punt 4.1.1 huwa emendat kif ġej:

(i) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4.1.1. Karozzi tal-passiġġieri li jaħdmu b'magna tal-kombustjoni interna u NOVC-HEVs tal-kategorija M<sub>1</sub> li għalihom jistgħu jintużaw valuri mkejla u mhux ikkoreġuti tal-konsum tal-fjuwil u tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> f'konformità mal-paragrafu 1.1.4 tal-Appendiċi 2 tas-Sub Anness 8 tal-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151”,

(ii) it-Tabella 4 hija sostitwita b'dan li ġej:

“Tabella 4

#### Konsum tal-enerġija effettiva

Tip ta' Magna	Konsum tal-enerġija effettiva (V <sub>pe</sub> ) [l/kWh]
Petrol/E85	0,264
Petrol/E85 Turbo	0,280
Diżil	0,220
L-LPG	0,342
LPG Turbo	0,363
	Konsum tal-enerġija effettiva (V <sub>pe</sub> ) [m <sup>3</sup> /kWh]
CNG (G20)	0,259
CNG (G20) Turbo	0,275”

(iii) It-terminu “CF: Fattur ta' konverżjoni (l/100 km) - (g CO<sub>2</sub>/km) [gCO<sub>2</sub>/l] hekk kif speċifikat fit-Tabella 5:” huwa sostitwit b'dan li ġej:

“CF: fattur ta' konverżjoni kif definit fit-Tabella 5.”;

(iv) It-Tabella 5 hija sostitwita b'dan li ġej:

“Tabella 5

**Fattur ta' konverżjoni tal-fjuwil**

Tip ta' fjuwil	Fattur ta' konverżjoni (CF) [gCO <sub>2</sub> /l]
Petrol/E85	2 330
Diżil	2 640
L-LPG	1 629
	Fattur ta' konverżjoni (CF) [gCO <sub>2</sub> /m <sup>3</sup> ]
CNG (G20)	1 795”

(v) fit-Tabella 6, l-entrati għall-fanal tad-dwal għall-kantunieri u għall-fanal ta' liwi statiku huma sostitwiti b'dan li ġej:

“Fanal tad-dwal għall-kantunieri	0,019
Fanal ta' Liwi Statiku	0,039”

(c) il-punt 4.1.2 huwa emendat kif ġej:

(i) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4.1.2. NOVC-HEVs li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-punt 4.1.1”.

(ii) it-titolu tat-Tabella 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“**Effiċjenza tal-konvertitur DC-DC għal arkitetturi differenti tad-dawl tal-vetturi**”.

(d) il-punt 4.2 huwa emendat kif ġej:

(i) it-titolu tal-punt 4.2.1. huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4.2.1. Karozzi tal-passiġġieri li jaħdmu b'magna tal-kombustjoni interna u NOVC-HEVs tal-kategorija M<sub>1</sub> li għalihom jistgħu jintużaw valuri mkejla u mhux ikkoreġuti tal-konsum tal-fjuwil u tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> f'konformità mal-paragrafu 1.1.4 tal-Appendiċi 2 tas-Sub Anness 8 tal-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151”.

(ii) it-titolu tal-punt 4.2.2. huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4.2.2. NOVC-HEVs li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-punt 4.2.1”.

Artikolu 2

**Emendi għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1339**

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1339 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, jiżdied il-punt (n) li ġej:

“(n) fanal ta' pożizzjoni ta' wara.”;

(2) l-Anness huwa emendat kif ġej:

(a) fit-Tabella 3, tiżdied l-entrata li ġejja:

“Fanal ta' pożizzjoni ta' wara	12”
--------------------------------	-----

(b) fit-Tabella 4, tiżdied l-entrata li ġejja:

“Fanal ta' pożizzjoni ta' wara	0,36”.
--------------------------------	--------

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Novembru 2020.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

